# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Lulju, 2021**

**Kawza Numru: 8**

**Citazzjoni Numru:- 1294/1992 JVC**

**Albert Zerafa**

**vs**

**Louis Simler u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2002, l-atti tal-kawza gew trasfuzi fil-persuna ta' Maria armla ta' Louis Simler u wlieda Stephanie u Denise ahwa Simler**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fejn ir-rikorrenti Albert Zerafa talab kif isegwi:

'Peress illi l-attur irrenda servigi lill-konvenut, konsistenti f'xoghol esegwit minnu stess fil-bini u attrezzar tas-sotterran (*basement*) ta' Plot 46, Triq Kananea Attard, u sorveljar tax-xoghol esegwit minn terzi persuni fl-istess bini u attrezzar tal-istess sotterran, u dan kollu bix-xjenza u bil-kunsens, u anke fuq inkarigu, tal-istess konvenut;

U peress illi l-istess attur anke nefaq flus u ghamel spejjez minn flusu fil-bini u attrezzar tal-imsemmi sotterran, u dan ukoll bix-xjenza u bil-kunsens tal-istess konvenut;

U peress illi l-istess attur ghamel dan kollu hawn fuq deskritt ghaliex l-istess konvenut kien infurmah illi l-*utile dominium* temporanju tal-imsemmi fond kien ser jghaddi, u fil-fatt ghadda fis-26 t'Ottubru, 1991, minn ghand l-istess konvenut ghal ghand Denise Simler, illum Zerafa, bint l-istess konvenut, u li zzewget lill-istess attur fis-7 ta' Dicembru, 1991 (Dok A1 u Dok A2);

U peress illi, fit-13 ta' Gunju, 1992, l-istess *utile dominium* temporanju ma baqax proprjeta' ta' l-imsemmija Denise Zerafa nee' Simler, izda rega ghadda ghal ghand il-konvenut (Dok A3), u dan minghajr il-kunsens u anzi *ad insaputa* tal-istess attur;

U peress illi l-istess konvenut, interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali pagament tal-imsemmija servigi resi u spejjes inkorsi, baqa' inadempjenti;

Jghid l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-istess konvenut debitur lejn l-istess attur f'dik is-somma li din l-istess Qorti joghgboha tillikwida bhala dovuta mill-istess konvenut lill-istess attur ghall-imsemmija servigi resi u spejjez inkorsi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istess attur is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 t'Ottubru 1992, kontra l-konvenut, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.'.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Simler fejn eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi hu m'ghandu jaghti xejn lill-attur tas-servigi minnu rezi ghaliex l-attur ghamilha cara mill-bidu nett li hu ma jrid xejn ta' dawn is-servigi.

2. Illi kwantu ghall-ispejjez li l-attur hareg mill-but l-eccipjent dejjem irrifondihomlu. Jekk fadal xi kont li ghadu dovut, l-eccipjent hu pront ihallas.

Salv eccezzjonijiet ohra.'.

Rat ix-xiehda, affidavits, kuntratti, kontijiet, invoices, ricevuti, ittri, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Marzu, 1993 il-Qorti kif diversament preseduta, stante li kien jehtieg li jitqabbad perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu

konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz innominat bhala Perit Tekniku ghal dan l-oggett lil Dr Marco Grixti bhala Perit Legali;

Rat illi fil-verbal quddiem il-Perit Legali tas-27 ta' Ottubru, 1993 il-partijiet qablu li l-provi li jingabru f'din il-kawza ghandhom iservu wkoll bhala prova fil-kawza ismijiet Albert Zerafa -vs- Stephanie Simler bic-citazzjoni numru: 1295/1992;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Novembru, 1996 fuq talba tal-Perit Tekniku Dr Marco Grixti il-Qorti ssostitwiet lill-istess Perit Tekniku b'Dr Sandra Caruana;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' April, 1998 a fol. 98 tal-process il-Perit Legali Dr Sandra Caruana dehret fis-seduta u talbet li tigi assistita minn Perit Tekniku, u rat id-digriet moghti seduta stante fejn il-Qorti nnominat lil Perit Tekniku AIC Albert Fenech;

Rat ir-rikors ta' Maria armla ta' Louis Simler u wliedha Stephanie u Denise ahwa Simler intavolat nhar il-25 ta' Frar, 2002 fejn talbu lill-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isimhom stante l-mewt tal-konvenut Louis Simler;

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Gunju, 2003 dehret il-Perit Legali Dr Sandra Sladden nee` Caruana li talbet minhabba pressjoni ta' xoghol li tigi sostitwita u l-Qorti nnominat minflokha lil Dr Mark Mifsud Cutajar bl-istess fakultajiet;

Rat ir-rikors tal-konvenuti Denise Zerafa u Stephanie Critien ahwa Simler li permezz tieghu talbu lill-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq ommhom Maria Simler ghal fuqhom stante l-

mewt taghha fil-mori tal-kawza u rat id-digriet moghti nhar l-4 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba;

Rat il-verbal tal-14 ta' Dicembru, 2017 a fol. 316 tal-process fejn permezz tieghu r-rapprezentanti legali prezenti fis-seduta nfurmaw lill-Qorti li l-Perit Legali gie ezonerat mill-inkarigu lilu moghti u ghalhekk hemm lok li l-istess Perit Legali (1) jintaxxa l-atti minnu kondotti; (2) jigi mhallas; u (3) jirritorna l-atti fil-pussess tieghu f'din il-procedura;

Rat li din il-kawza ntavolata lura fis-sena 1992 biddlet il-gudikant seba' (7) darbiet fuq medda ta' madwar tmienja u ghoxrin sena (28) qabel ma giet assenjata recentement lil din il-Qorti. Din il-Qorti esigiet li jinghalqu l-provi sabiex il-kawza tkun tista' tigi differita ghad-decizjoni;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dr Stephan Thake ghall-attur li saret fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2020 u li giet ukoll traskritta u tinsab fl-atti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr Tonio Azzopardi a fol. 737 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Frar, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attur Albert Zerafa kien mparentat mal-konvenut (llum mejjet) Louis Simler billi kien mizzewweg lil bintu Denise Zerafa nee' Simler ghal perjodu ta' ftit xhur. L-attur jallega li huwa rrenda servigi lill-konvenut Louis Simler konsistenti f'xoghol fil-bini u attrezzar tas-sotterran li nbena fuq il-plot 46, fi Triq Kananea, Attard u sorveljanza tax-xoghol li sar minn terzi fuq l-imsemmi sotterran. Ghalhekk permezz tal-kawza odjerna l-attur jitlob li l-konvenuti Louis Simler, llum uliedu Denise Zerafa u Stephanie Critien fil-kwalita' taghhom ta' eredi, stante l-mewt ta' missierhom fil-mori tal-kawza, jigu dikjarati debituri f'dik is-somma li l-Qorti joghgobha tillikwida bhala dovuta lill-istess attur ghas-servigi rezi u spejjez inkorsi. Talab ukoll li konsegwentement il-Qorti tordna l-hlas tal-istess somma hekk likwidata.

Illi min-naha tal-konvenut Louis Simler fl-eccezzjonijiet tieghu eccepixxa li m'ghandu jaghti xejn lill-attur Albert Zerafa tas-servigi rezi ghaliex l-attur ghamilha cara mill-bidu nett li hu ma ried xejn ta' dawn is-servigi. Eccepixxa wkoll li kwantu ghall-ispejjez li l-attur hareg mill-but huwa dejjem irrifondihomlu. Isostni li jekk fadal xi kont li ghadu dovut huwa pront li jhallsu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi jekk tinghata harsa lejn il-premessi u l-ewwel talba tal-attur Albert Zerafa jirrizulta bazikament li dak li qed jitlob l-attur huwa l-hlas tas-segwenti:

i. servigi rezi konsistenti f'xoghol esegwit fit-sotterran li gie mibni fi Plot 46 fi Triq Kananea, Attard u sorveljanza tax-xoghol esegwit minn terzi fl-istess bini u attrezzar, u,

ii. spejjez inkorsi li l-attur nefaq minn butu fil-bini u attrezzar tal-imsemmi sotterran.

<u>i. Servigi rezi konsistenti f'xoghol fis-sotterran u sorveljanza tax-xoghol fl-istess sotterran:</u>

Illi l-konvenut Louis Simler fl-ewwel eccezzjoni tieghu jikkontesta li huwa ghandu jaghti xi flus lill-attur relatat ma' servigi rezi u dana peress li jsostni li l-attur innifsu kien ghamilha cara mill-bidu nett li huwa ma ried xejn ta' dawn is-servigi.

Illi da parti tieghu l-attur jsostni li dawn is-servigi saru in kontemplazzjoni tal-fatt li l-*utile dominium temporanju* tas-sotterran kien ser jghaddi a favur martu Denise Zerafa kif fil-fatt gara fis-26 ta' Ottubru, 1991 (ara kuntratt a fol. 5 *et seq* tal-process). Madanakollu fit-13 ta' Gunju, 1992 l-istess *utile dominium temporanju* rega' ghadda permezz ta' att korrettorju ghand il-konvenut Louis Simler (ara kuntratt a fol. 11 *et seq* tal-process). Tajjeb li wiehed jinnota li dan sar fl-istess zmien li z-zwieg ta' bejn l-attur u l-intimata Denise Zerafa kien beda jisfaxxa.

Illi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Simler jirrizulta li l-istess konvenut ma jichadx li l-attur Albert Zerafa effettivament irrenda xi servigi tant li dawn ma gewx kontestati, huwa biss kontestat jekk dawn sarux bi pretensjoni ta' hlas jew le da parti tal-attur. Il-kwistjoni allura hija jekk l-attur ghandux jithallas ta' dawn is-servigi kif qed jinsisti permezz tal-kawza odjerna u l-valur tal-istess.

Illi dwar is-servigi rezi, l-attur Albert Zerafa fix-xiehda tieghu moghtija fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 1993 a fol. 58 *et seq* tal-

process jispjega li kien il-konvenut li nsista mieghu sabiex jaghmel u jissupervizjona x-xoghol. Hekk xehed illi:

> 'Meta konna ghadna gharajjes Louis Simler li jigi missier il-mara talabni biex niehu hsieb ix-xoghol ta' kostruzzjoni, pjanti u ko-ordinazzjoni mad-Dipartiment necessarji biex jinbena basement u zewg maisonettes fit-triq Kananea, Attard. Ried li fejn stajt nibni jien u fejn ma stajtx inqabbad in-nies. Jien engineer fl-elettriku u project management.'

Konsegwentement fl-affidavit a fol. 100 *et seq* tal-process, l-attur Albert Zerafa ibiddel il-verzjoni u stqarr li kien hu li offra lill-konvenut Louis Simler li jiehu hsieb ix-xoghol:

> 'Meta Louis Simler u jien kollna qeghdin jiddiskutu il-bini ta' din il-plot huwa qal li kien sejjer iqabbad persuna, li kienet tahdem mieghu il-kurja, biex tehodlu hsieb ix-xoghlijiet. Pero' peress li eventwalment l-gharusa u jien kollna sejrin noqghodu f'wiehed minn dawn id-djar u kelli esperjenza sew f'dak li huwa kostruzzjoni u project management, offrejt li niehu hsieb ix-xoghol jien.'

Illi da parti tal-konvenut Louis Simler fl-affidavit tieghu a fol. 147 *et seq* tal-process jikkontesta li kien hu li nsista mal-attur sabiex iwettaq u jissupervizjona x-xoghol. Anzi jishaq li kien l-attur innifsu li nsista li ghandu jaghmel ix-xoghol hu, u dan jikkombaca ma dak li xehed l-attur innifsu.  Il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid:

> 'Jien kelli plot H'Attard biex nibni dar ghall-familja. Kelli habib tieghi li kien is-surveyor tal-Kurja tal-Arcisqof fejn

> kont nahdem jien. Kollna miftehmin li hu kien sejjer johodli hsieb biex itellahhili kif kien tellha djar ta' kollegi ohra u eventwalment il-hotel tal-Gillieru San Pawl il-Bahar. …
>
> L-gharus tat-tifla cioe` l-attur qal li hu ghamel hafna xoghol ta' bini il Libja, **insista** li hu jiehu hsieb il-bini tal-plot peress li kien sejjer joghod fiha hu. Spejagajt ic-cirkostanzi lil-kollega tieghi David Anastasi u dan ma sabx oggezzjoni li nhassru il-ftehim li kollna ghamilna, li hu jehodli hsieb.'

Mill-atti jirrizulta li meta nbdew dawn ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-plot 46 fi Triq Kananea, Attard l-attur Albert Zerafa kien gharus lil Denise Simler - it-tifla tal-konvenut Louis Simler. Il-binja kienet ser tikkonsisti f'zewg garages fil-livell tal-basement, 'flatlet' fil-livell tal-basement u zewg maisonettes fejn wahda mill-maisonettes kienet ser isservi bhala d-dar matrimonjali tal-attur Albert Zerafa u Denise Simler.

Il-Qorti tifhem li billi l-kostruzzjoni ta' din il-binja kienet ser tkun a beneficcju tal-attur Albert Zerafa, stante li kienet ser isservi bhala d-dar matrimonjali tieghu, kien fl-interess tal-attur li jipproponi li hu stess jiehu hsieb ix-xogholijiet in kontemplazzjoni ta' dan il-fatt, f'dak l-istadju minghajr pretensjoni ta' hlas. Madanakollu jirrizulta li l-attur u l-konventa Denise Zerafa ghamlu biss ftit xhur mizzewgin u konsegwentement iz-zwieg sfaxxa filwaqt li l-attur jirrizuta li ghamel biss ftit xhur jghix f'parti minn din il-proprjeta'. Jirrizulta ghalhekk li l-kundizzjoni ghaliex l-attur kien ghazel li jirrenda s-servigi tieghu b'xejn ma avveratx ruhha ghaliex il-proprjeta' ma servietx bhala d-dar matrimonjali tieghu, almenu zgur mhux ghat-tul ta' zmien li kellu f'mohhu.

Illi dwar effettivament fiex kienu jikkonsistu s-servigi rezi, l-konvenut Louis Simler innifsu fl-affidavit a fol. 147 *et seq* tal-process ikkonferma li l-attur Albert Zerafa ghamel xi servigi konsistenti f'sorveljanza ta' xoghlijiet:

> 'Albert Zerafa, l-gharus tat-tifla qalli li ghanda nhaffru ghal-garages u jiena li ma kontx nifhem qbilt. Hu iddraftja pjanta ful il-linji li kien ghamilli l-kollega tieghi, David Anastasi, imma iz-zewg garages li kellhom jibnew minn flok ghal-karozza kienu ippjanati minn Albert Zerafa li jiehdu tmien karozzi kull wiehed. Meta staqsejt il ghalhiex sejrin ikunu daqshekk kbar, l-gharus tat-tifla qalli li dnub li plot bhal dan jinhella. Hammilna l-art u inqatagha l-blat li swieli Lm1000 (elf lira Maltin). Sibna bennej mill Bahrija u ftehmna fuq il-prezzijiet u x-xoghol beda. Dan eventualment nbidel u gie Jimmy Borg Kuntrattur li kellu zewg haddiema mieghu. L-gharus tat-tifla qallha li kien dilettant li jahdem l-injam u xtaq li wara wiehed mill-garages itella kamra bhal workshop. Jien accettajt. Darba ohra it-tifla qaltli li l-gharus taghha, Albert Zerafa, li minbarra kamra ghall-workshop xtaq li titla ohra halli jkun jista jaghti l-private lessons tal-komputers. Jiena accettajt. Dan kien sejjer ikun ir-ragel tat-tifla tieghi. Albert Zerafa altera l-pjanta. Meta rajt l-alterazzjonijiet jien staqsejt x'kien il-hajt li kien ippjanat tul wiehed mill-garages. Ir-risposta kienet li l-istudenti li kienu ser jigu ghall-lezzjonijiet tal-komputers ma riedx jghaddihom mill-garage u ghalhekk ippjana kurutur twil tul il-garage kollu. Speci li rajt r-raguni u ma ikkomentajtx. Wara l-ground floor maisonette kien ippjanat gnien imdaqqas. Albert Zerafa xtaq li jibni bir, meta rrimarkajt li tigi hemm bir hu qalli li l-gnien jiehu hafna ilma u hu kien

ppreparat li jhallas l-ispejjez tal-bir hu. Jien m'accettajtx li jhallas hu imma ikkoncedejt li jsir bir alavolja li l-bir li tiga kien hemm kien gibjun.

Il-pjanta regat gie alteratha. Hawnhekk indunajt li kienet ippjanata kamra ohra zghira, is-spjegazzjoni ta Albert Zerafa kienet li kien sejjer issir toilet ghall-istudenti tal-komputer. Dan it-toilet eventualment spicca f'kamra tal-banju minghajr ma kont ikkonsultat. Lil Albert Zerafa jien kont ghidltu li nhallsu tas-sorveljanza imma huwa ma riedx. Hu qatt ma ried flus, kieku kollna niftehmu fuq il-prezz kif ghamilt mal-perit Borg Infatti meta darba qalli li ghamel xi giri jiena hattha bhala botta u baghtlu cekk tal hamsin lira (Lm50) bhala kumpliment tal-petrol. Dan ma riedux u irritornahuli. Fuq wiehed mill-kontijiet li taghni wera li hallas il-huh Charles Lm176 (mija sitta u sebghin Lira Maltin) u lil huh Jesmond Lm101 (Mitt lira u wahda Maltin). Ghalih ghamel ic-cifra ta' Lm100 (Mitt lira Maltin) u nota hdejha "not to be paid". Dan juri kemm verament ma riedx flus.

Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-process, u l-provi kollha li ngabu fil-process, ma tqisx li gie pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-attur Albert Zerafa personalment irrenda servigi konsistenti f'xoghol esegwit minnu fit-sotterran li gie mibni fi Plot 46 fi Triq Kananea, Attard. Jirrizulta mill-atti li s-servigi li l-attur irrenda, kienu konsistenti unikament f'dawk tas-sorveljanza u koordinazzjoni tax-xoghol u xejn aktar. Di fatti in kontro-ezami fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2015 Jimmy Borg li kien it-tieni bennej li ha f'idejh ix-xoghol ta' kostruzzjoni kkonferma li prattikament l-attur kien jaghmel xoghol ta' sorveljanza u kien il-punt ta' referenza peress li

kien ikun fuq il-post jissupervizjona (ara Dok TZ a fol. 285 *et seq* tal-process). Hekk xehed a fol. 506 tal-process illi:

> 'Mistoqsi nghid liema ghamilt jien bhala xoghol, nghid: minn dan id-dokument Dok TZ fir-rigward tan-numru 15 nghid li kont prezenti meta tpoggew il-planki u nghid li ghamilt it-tajn fejn tpoggew il-planki. Is-suletta tal-planki fejn tpoggew ghamiltha jien. Is-16 ghamiltu jien fil-prezenza ta' l-attur. Il-58 ghamiltu jien. In-numru 68 nghid mhux minnu li hu assenti f'dan ix-xoghol ghax ghamiltu jien. Dwar in-numru 7, cioe sitt kolonni ghall-faccata u nofs l-ispejjez ghaz-zewg kolonni nghid li dawk poggejthom jien u ordnhom l-attur. Dwar in-numru 12 naf li kien l-attur li jiehu hsieb l-affarijiet tal-post. Dwar numru 3 assistenza lill-bennej nghid l-attur kien jidher kuljum ghax is-Sur Simlar ma kienx ikun hemm u domandi fuqu dejjem lill-attur stasejnijhom.'

L-attur innifsu kkonferma li hu kien jaghmel xoghol ta' sorveljanza meta xehed fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 1993 a fol. 58 *et seq* tal-process. Jigi nnutat li meta din ix-xiehda tigi kkumparata mal-prospett jirrizulta li l-attur qieghed jitlob li jithallas ta' xoghol li ghamel haddiehor. Fil-fatt fil-prospett hemm indikat li jrid jithallas ta' '*Xoghol bil-'Jack Hammer' LM 40*', meta effettivament huwa kien xehed li dan ix-xoghol kien sar minn persuna li tqabbdet minnu:

> 'Qabbadt kuntrattur biex iqatta l-blat, issorveljajt ix-xoghol kif kont issorveljajt it-tahmil. Il-kuntrattur rega thallew lill-konvenut fuq il-prezzijiet li inkun ftehmt jien. Fuq quddiem tas-site kien hemm bir qanpiena u tnaddaf mill-materjal li kellu taht sorveljanza tieghi. Ghamlet hafna xita u fejn konna

> qattajna l-blat imtela b'ilma fond u ghalhekk krejt pompa u f'diversi granet nehhejt dan l-ilma. Hallast ghaliha jien.
>
> **Qabbadt ragel biex jittrimmja bil-jack-hammer il-blat tal-appogg** u billi kien hemm l-gholi riedu jitellghu posti tal-kantun li tellajthom jien u kien ghali hames jew sitt filati. …' (enfazi tal-Qorti)

In oltre fix-xiehda tieghu moghtija fis-seduta tat-22 ta' Frar, 1994 quddiem il-Perit Legali Dr Marco Griscti, l-attur Albert Zerafa pprezenta prospett minnu redatt li jindika l-valur tax-xoghol u l-ispejjez li allegatament huwa ghamel (ara prospett relatat max-xoghol u spejjez allegatament li saru lill-konvenut Louis Simler a fol. 53 *et seq* tal-process). Jirrizulta li l-prospett gie redatt minnu personalment, madanakollu fl-atti, l-attur ma ressaq l-ebda prova li tikkollabora l-imsemmija xoghlijiet. Il-Qorti mill-atti kollha hija biss f'posizzjoni li tikkonkludi li l-unika prova li tirrizulta mill-atti, hija dik ta sorveljanza tax-xoghlijiet u xejn aktar!

Illi fil-prospett imsemmi a fol. 52 *et seq* tal-process il-Qorti tinnota li l-attur Albert Zerafa indika zewg istanzi fejn huwa ghamel sorveljanza u bhala ammont indika dak ta' Lm 200 (sorveljanza fil-parti tal-komun) u Lm 90 (sorveljanza tax-xoghol tal-madum, bibien u twieqi, tibjid, ilma etc). Fil-parti tal-komun dan l-ammont ghandu jigi diviz bejn il-partijiet rispettivi tal-proprjeta' li kienu tlieta, wiehed kull sular u ghalhekk sehem il-konvenut Louis Simler huwa dak ta' terz u cioe' Lm66.67. Dawn iz-zewg ammonti illum meta jigu konvertiti fil-munita tal-Ewro u maghduda flimkien jigu fl-ammont arrotondat ta' tlett mija u hamsa u sittin Euro (€365).

Finalment il-Qorti tirrileva wkoll li l-attur ma kienx konsistenti fl-ammonti allegatament dovuti lilu. Jirrizulta li huwa pprezenta prospett li gie ezebit fl-imsemmija seduta quddiem il-Perit Legali Dr Marco Griscti li fih kien qieghed jitlob l-ammont ta' Lm 7255.48. Imbaghad ressaq prospett iehor mal-affidavit tieghu a fol. 103 *et seq* tal-process fl-ammont ta' Lm 7440.50 minn fejn jirrizulta varjazzjoni f'dak allegatament dovut. Jinghad ukoll li fit-2 ta' Novembru, 1992 l-attur kien intavola mandat ta' sekwestru fl-ismijiet Albert Zerafa -vs- Louis Simler liema mandat kien qieghed jindika bhala sorte l-ammont ta' Lm4,000 li huwa ammont ferm izghar minn dak li qieghed jitlob fil-prospett (ara kopja tal-mandat ta' sekwestru a fol. 161 *et seq* tal-process). Il-Qorti rinfaccjata b'dawn il-varjazzjonijiet kollha, u n-nuqqas ta' prova, ma tistax hlief ma tqisx li ghajr ghat-talba ghas-supervizjoni t-talbiet l-ohra relatati ma' xoghol tal-attur ma gewx sufficjentement pruvati.

Ghaldaqstant kif spjegat aktar il' quddiem il-Qorti ser tghaddi sabiex tillikwida l-ammont ta' tlett mija u hamsa u sittin Euro (€365) bhala dovuti mill-konvenuti fil-vesti taghhom ta' eredi ta' missierhom lill-attur Albert Zerafa.

<u>ii. Spejjez inkorsi li l-attur nefaq minn butu fil-bini u attrezzar tal-imsemmi sotterran:</u>

Illi l-attur ressaq ukoll talba sabiex jigi mhallas ta' spejjez li huwa hareg minn butu. Dawn l-ispejjez li allegatament hareg minn butu gew indikati wkoll fil-prospett u l-Qorti tifhem li dawn jikkonsistu fost affarijiet ohra fil-kiri ta' pompa ta' l-ilma u tindif tal-plot, mutur biex tqattghu l-planki, xiri u transport ta' materjal, kont tal-Water Works ghall-installazzjoni tal-ilma, tank qatran tal-kamra tal-banju u bosta affarijiet ohra li lkoll gew indikati fil-prospett.

Il-Qorti tibda billi tinnota li l-attur Albert Zerafa bhala prova tal-ispejjez inkorsi ressaq numru ta' ricevuti/invoices a fol. 110 *et seq* tal-process flimkien mal-prospett li gie redatt minnu personalment. Mill-ircevuti l-Qorti setghet tinnota li f'uhud minnhom lanqas gie ndikat isem fuq min inharget l-*invoice*/ricevuta u f'ohrajn gie ndikat isem l-attur Albert Zerafa b'indirizz divers minn dak ta' H'Attard u cioe' 26, Carmel Street, Zabbar. Imbaghad hemm uhud minnhom li jindikaw kemm isem l-attur Albert Zerafa flimkien ma' isem il-konvenut Louis Simler. Fl-ircevuti li nhargu fuq isem Albert Zerafa u isem il-konvenut Louis Simler lanqas hemm indikazzjoni minn min sar ix-xoghol ghaliex qeghdin fuq *invoice* komuni li prattikament tista ssir minn kulhadd! L-ircevuti/*invoices* li fuqhom hemm indikat isem il-konvenut Louis Simler huma a fol. 120, a fol. 134, a fol. 135 u a fol. 136 li jwasslu ghas-somma ta' Lm1110 ekwivalenti ghas-somma ta' €2585.60 ghalkemm bhal ma nghad fl-*invoices* m'hemmx indikat minn min sar ix-xoghol u lanqas gie kkonfermat b'gurament mill-attur Albert Zerafa. Il-Qorti ghalhekk ma tqisx li l-prezentata ta' dawn l-ircevuti taghhom hija prova sufficjenti li l-ispejjez saru u li verament saru a favur Louis Simler. Dan apparti l-kwistjoni li l-konvenut isostni li huwa hallas tal-ispejjez kollha li saru kull meta l-attur prezentalu l-ircevuti.

In oltre l-Qorti tinnota wkoll li l-attur Albert Zerafa pprezenta fl-atti zewg kopji ta' cekkijiet ta' hlas lil certu Mr T. Farrugia (a fol. 111 tal-process) u iehor hlas lil certu Mr Angelo Muscat (a fol. 125 tal-process). Jirrizulta izda li dawn ic-cekkijiet huma mahruga mic-cheque book fuq isem Mr A. & Mrs D. Zerafa u ghalhekk jekk *se mai* huwa minnu li hallas dak l-ammont dan gie mhallas kemm

minnu, kif ukoll minn Denise Zerafa, ghalkemm l-attur talab l-ammont shih!

Mill-banda l-ohra il-konvenut Louis Simler ressaq ghadd ta' dokumenti fosthom dokumenti tal-bank li jevidenzjaw li hu kien ghamel self mal-Mid-Med Bank sabiex ihallas l-ispejjez u x-xoghol kollu relatat mal-binja (ara dokumenti a fol. 387 *et seq* tal-process). Ressaq ukoll dokumenti ta' self li ttiehed minn Denise Zerafa nee' Simler sabiex thallas l-ispejjez u xoghol tal-binja (ara dokumenti a fol. 347 *et seq* tal-process). Tressqu wkoll ghadd ta' dokumenti li jindikaw il-kontijiet li kienu jigu prezentati mill-attur Albert Zerafa lill-konvenut Louis Simler sabiex jithallsu. Dawn l-*invoices* li kienu jigu pprezentati lill-konvenut Louis Simler sabiex jithallsu kienu jinkludu diversi spejjez fosthom boroz tas-siment, zrar, ramel gebel, *plastic sheet* u diversi spejjez ohra liema spejjez thallsu mill-konvenut Louis Simler u prova tal-hlas giet esebita permezz ta' kopji tac-cekkijiet li nhargu fuq isem l-attur Albert Zerafa (ara cekkijiet a fol. 402 u fol. 403 tal-process).

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-prospett li gie esebit a fol. 52 *et seq* tal-process, kif ukoll l-ircevuti/*invoices* esebiti mal-affidavit a fol. 110 *et seq* tal-process u tqis li l-attur Albert Zerafa ma' ressaqx provi sufficjenti li jwasslu lil din il-Qorti ghall-konvincement sal-grad tal-prova li trid il-ligi li dawn l-ispejjez imsemmija finalment gew sopportati minnu. Mill-banda l-ohra l-intimata Denise Zerafa pprezentat prova ta' numru ta' transazzjoni kemm b'cekkijiet kif ukoll bl-uzu tal-'card' minn fejn jirrizulta li ammont konsiderevoli ta' flus gew zbankati mill-attur Albert Zerafa fl-istess zminijiet li kienu qed isiru x-xogholijiet u l-hlasijiet. Il-Qorti f'dawn ic-cirkustanzi rizultanti mill-atti ma temminx il-verzjoni tal-attur li huwa hallas ghal dawn l-ispejjez minghajr ma talab ir-rifuzjoni

taghhom lill-konvenut anki ghaliex il-maggoranza tal-provi mressqa jevidenzjaw mod iehor, u cioe' li hu kien jitlob il-hlas lill-konvenut u dan kien ihallsu. Il-Qorti ghalhekk temmen il-verzjoni tal-fatti hekk kif esposta mill-konvenut Louis Simler u minn Denise Zerafa u cioe' li l-attur dejjem gie rifuz tal-ispejjez li kien jaghmel. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni u wkoll hija komfortata mill-fatt li l-attur Albert Zerafa tul is-snin li din il-kawza ilha pendenti biddel kemm il-darba l-verzjoni relatata ma dak lilu dovut u mhux bi ftit centezmi jew mijiet izda bl-eluf. Dan tal-ahhar zgur ma jimmilitax favur il-kredibilita' tal-attur.

Ghaldaqstant ikkunsidrat dan kollu l-Qorti ser tghaddi sabiex in kwantu l-kwistjoni tal-ispejjez tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Louis Simler.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Louis Simler u tichad l-eccezzjonijiet fil-kumplament sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz.

2. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuti debituri lejn l-attur Albert Zerafa fis-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin Euro (€365) bhala dovuta mill-konvenuti lill-attur rapprezentanti servigi rezi filwaqt li tichad l-ewwel

talba ghal dik li hija pretensjonijiet tal-attur dwar spejjez inkorsi stante li tirrizulta bhala nfondata.

3. Tilqa′ t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ta′ tlett mija u hamsa u sittin Euro (€365) .

In vista tal-valur verament minimu li gie likwidat favur l-attur u wkoll stante li l-Qorti tqis li dawn il-proceduri saru mill-attur b′intenzjoni biss li jivvessa lil missier martu l-konvenut konsegwenti ghall-isfaxx taz-zwieg bejniethom u xejn aktar, l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati 10% mill-konvenuti u l-bqija mill-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta′ Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta′ Lulju, 2021**